KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 09

It-Tlieta, 5 ta' Ottubru, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Dr Normal Shaw, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Azzopardi, Raymond Attard u Vincent Fabri.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 8 li saret nhar Il-Erbgħa, 4 ta' Settembru, 2013, fil-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

1. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

1.1 L-Ebda kunsillier ma kellu xi jzid.

2. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

2.1 Is-Sindku nforma dwar il-program tan-Notte Bianca li għaddewlna l-MCCA.
2.2 Is-Sindku nforma dwar il-quddiesa tal-Pussess ta' l-Arċipriet ta' San Pawl, dwar il-ħatra l-ġdida tal-Kappillan ta' San Duminku.
2.3 Is-Sindku nforma li s-Surmast ta' l-Iskola St Elmo nbidel u issa gie Surmast ġdid.
2.4 Is-Sindku nforma dwar laqgħa li saret flimkien mal-Ministru Joe Mizzi dwar is-servizz ta' l-Arriva gol-Belt.
2.5 Is-Sindku nforma li ser issir statwa tal-V18 kif ġiet proposta mis-Sur Jason Micallef.
2.6 Is-Sindku nforma dwar il-bżonn li l-Kappella ta' Nibia u ic-Chapel of Bones titnaddaf. Il-perit Edward Said ser jghin biex dan isir. Kien hemm qbil li il-kunsill ghandu jghin sabiex dan isehh.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Viċi Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Viċi Sindku ta' Chechister Ms Ann Scicluna kif ukoll s-Segretarju Eżekuttiv dwar progetti prospettivi li l-Belt u Chechister jistgħu jagħmlu flimkien. Il-Viċi Sindku nforma fil-bidu tas-sena d-dieħla ser issir zjara f'Chechister biex jkunu jistgħu jaraw xi progetti jistgġu isiru.
3.2 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li mhux sew li l-Kunsill qed juża security officers biex jingħalqu t-toroq. Il-Kunsillier Azzopardi nforma li qed jinkitbu wisq petizzjonijiet u li l-amont kbir ta' ċitazzjonijiet li qed jingħataw qed jinħafru. Hu kien nfurmat dwar dan mis Sur Clint Axisa persuna li skond Raymond Azzopardi ħa post l-Authorized Officer tal-Kunsill Ernest Tonna. Il-Kunsillier Azzopardi staqsa min ta' l-awtorizazzjoni biex il-Belt ikun hemm biss 2 wardens minflokk 6. Staqsa wkoll kemm il-ċitazzjoni qed tingħata u kemm il-siegħa qed jaħdmu l-wardens.
3.3 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li wara li kellu laqgħa ma Lawrence Pace(Malata) dan nnota linja safra quddiema Alex Pisani. Nforma lil Kunsill biex dan jitneħħa peress li mhux qiegħed bil-permess.

3.4 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li l-foss ta' kif tispiċċa Triq ir-Repubblika għandu bzonn tindifa.
3.5 Il-Minority Leader Dr Shaw nforma li għandu nformazzjoni dwar fertility pills biex nibdew nsolvu l-problema tal-ħamiem.
3.6 Il-Minority leader Dr Shaw Staqsa dwar is-Singli yellow line li hemm ħdejn il-London Bar.

**4. KORRISPONDENZA**

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Republic Street Business Community dwar l-permess biex jitpogga l-sponsor quddiem il-qorti bħal kull sena. Il-Kunsill qabel dwar dan.
4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min Riga. Dan biex il-Belt Valletta tipparteċipa f'konferenza dwar European Capital of Culture. Il-Kunsill qabel li Vincent Fabri għandu jattendi din il-konferenza.
4.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mill-Ministeru tas-saħħa dwar l-*injection*. Bħal kull sena Mrs Caruana ser tgħati l-injections lil anzjani tal-Belt.
4.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min transport malta dwar parking gdid li qed jipjana ġewwa marsaxmett. Il-Kunsill qabel li mhux il proposti kollha huma tajbin.
4.5 Il-Kunsill rċieva korrispondenza dwar l-elezzjoni tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-Elezzjoni ser issir nhar is-Sibt 12 ta' Ottubru 2013 fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.
4.6 Il-Kunsill rċieva korrispondenza bi propota għal on-street parking fi Triq Melita. B'4 voti kontra 3, il-kunsill ma qabilx li din għandha ssir speċjalment meta ż-żona li tissemma hija pedonali.

**5. Amministrazzjoni**

5.1 Is-segretarja nfurmat li ser toħrog il-call peress li ħadd ma applika mill-lista li ntbgħatet min l-ETC.

5.2 Is-Segretarja nfurmat dwar il-konferenza ta' European Walled Towns li din id-darba ser issir ġewwa Derry, Irlanda.

5.3 Is-segretarja nfurmat li EU affairs officer ser tattendi course ta' taħrig li huwa nħallas mill-EU.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 5 ta' Novembru 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku